**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Awwissu 2016 – Sajewicz-Świackiewcz vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-39/13)**

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal – Anness VIII tar – Regolamenti tal – Persunal — Trasferiment tad – drittijiet tal – pensjoni miksuba taħt skemi oħra, lejn l – iskema ta' pensjoni tal – Unjoni — Deċiżjoni li tirrigwarda r-rikonoxximent ta' akkreditazzjoni ta' snin ta' servizz li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors manifestament infondat)***

(2016/C 364/56)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Jolanta Sajewicz- Świackiewcz (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. de Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati, sussegwentement minn D. de Abreu Caldas, J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, sussegwentement minn J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati, u finalment minn J.-N. Louis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn C. Ehrbar u M. G. Gattinara, aġenti, sussegwentement minn J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement minn G. Gattinara, aġent, u finalment minn G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba ta' annullament tad-deċiżjoni li tistabilixxi li tistabbilixxi l-akkreditazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tal-Kummissjoni b'applikazzjoni tad-DĠI ġodda u d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħuda bħala manifestament infondat.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Awwissu 2016 – Mommer vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-74/13)** ([1])

***[Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba fil-kuntest ta' skemi oħra tal-pensjonijiet — Deċiżjoni li tirrikonoxxi l-akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz filwaqt li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat]***

(2016/C 364/57)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Anne Mommer (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment S. Orlandi, J.-N. Louis u D. de Abreu Caldas, avukati, sussegwentement S. Orlandi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment C. Ehrbar u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement J. Currall u G. Gattinara, aġenti, u finalment G. Gattinara, aġent)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti lejn l-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħuda bħala parzjalment manifestament inammissibbli u bħala parzjalment manifestament infondat.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

(1) ĠU C 274, 21.9.2013, p. 33.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Lulju 2016 – Piessevaux vs Il-Kunsill**

**(Kawża F-94/13)** (1)

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — drittijiet għall-pensjoni miksubin qabel id-dħul fis-servizz tal-Unjoni, taħt skema nazzjonali ta' pensjoni — Trasferiment lejn l-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni — Proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Kunċett ta' att li jikkawża preġudizzju — Artikolu 83 tar-Regoli ta' Proċedura)***

(2016/C 364/58)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vincent Piessevaux (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. De Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati, sussegwentement minn D. de Abreu Caldas u J.-N. Louis, avukati, sussegwentement minn J.-N. Louis, avukat, finalment minn L. Ponteville, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u J. Herrmann, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz abbażi tad-DĠI ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Vincent Piessevaux għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

(1) ĠU C 336, 16.11.2013, p. 32.